# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza tat-Tlieta 8 t' Ottubru, 2024**

**Talba nru. 132/2024**

**CAROLINE CARUANA**

*vs*

**DR. TONIO PISCOPO ET**

**DECIZJONI PRELIMINARI**

It-Tribunal,

Ra t-talba attriciipprezentata fis-17 t'April 2024 fejn l-attici talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma li ma teccediex hamest elef Ewro (Eur 5000) rapprezentanti danni sofferti fil-propjetajiet taghha u cioe appartament numru 2, fil-blokka 84 Triq is-Salini Marsaskala u tal-mezzanini 76 u 78 fi Triq is-Salini Marsaskala. Bl-Ispejjez u imghax.

Rat ir-risposta ipprezentata fit-12 ta' Gunju 2024 fejn il-konvenuti ecceppew preliminarjament l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal retione materiae.

Ra illi fl-ewwel seduta, fit-18 ta' Gunju 2024, it-Tribunal ta l-fakulta lill-partijiet sabiex iressqu nota ta' sottimissjonijiet bl-argument taghhom dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti.

Ra illi l-konvenuti, minkejja illi ressqu l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal, la ressqu n-nota ta' sottimissjonijiet taghhom fiz-zmien moghti minn dan it-Tribunal u lanqa deheru ghas-seduta sussegwenti u cioe tas-26 ta' Settembru 2024.

Ra illi l-attrici ressqet n-nota taghha fl-4 ta' Settembru 2024.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza preliminari dwar l-eċċezzjonijiet preliminari.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal ser jgħaddi sabiex jiddeċiedi dwar l-eċċezzjoni preliminari u cioe' n-nuqqas ta' kompetenza ratione materiae ta' dan it-Tribunal li jiddeċiedi dan il-meritu.

Illi irid jigi puntwalizzat illi l-konvenut minkejja illi qajjem din l-eccezzjoni baqa ma ressaq l-ebda argument jew sottomissjoni sabiex jissostanzja l-eccezzjoni tieghu.

Illi hija l-fehma tat-Tribunal illi t-talba attrici kif postulata hija cara illi dak li qed jintalab huwa hlas ta' danni f'ammont li ma jeccediex il-hamest elef Ewro. Fil-kawża odjerna, tenut kont kemm tat-talba attriċi u kif ukoll tad-difiżi imressqa mill-konvenuti, it-Tribunal qed jiġi adit biex jiddeċiedi kontestazzjoni dwar hsara u konsegwenti danni fuq proprjeta', u dan kif indikat mill-premessi fit-talbiet.

Illi fin-nuqqas ta' provi u/jew argumenti min-naha parti konvenuta, li qajjmet din l-eccezzjoni preliminari, dan it-Tribunal ftit ghandu x jistharreg. Dan it-Tribunal jaqbel ma' l-argumenti ipprezentati mill-parti attrici fin-nota taghha, fejn fiha gew spjegati b'mod car it-talba ghal danni min-naha taghha.

**Ghaldaqstant** dan it-Tribunal, qieghed jichad l-eccezzjoni preliminari imressqa mill-konvenuti u jordna l-prosegwiment tal-kawza. Spejjez ta' din l-istanza jithallsu unikament mill-konvenuti.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur